# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn tnax (12) ta' Novembru 2018**

**Rikors Numru 72/18 FDP**

**Charmaine Martin**
**(ID 223466M)**

**vs**

**Jasmine Urry**
**(ID547279M)**

Il-Qorti:-

**1. Premessi**

1. Rat ir-rikors promotur ippresentat fis 26 ta' Marzu 2018 fejn ir-rikorrenti talbet lill-Qorti tghid il-ghaliex ma ghandhiex tigi kkundannata l-intimata s-segwenti:-

    1. *Prevja d-dikjarazzjoni ili bhala awtur tal-post fuq is-sit socjali Facebook li giet a konoxxenza tar-rikorrenti fil-25 ta' Frar tas-sena 2018, u bir-ritratti annessi mal-istess post, inti mmalafamajt lil-esponenti billi attakkajtilha l-integrità, l-unur u r-reputazzjoni taghha, kemm personali u kemm professjonali, u billi esponejtha ghar-redikolu u ghad-disprezz pubbliku, permezz ta' allegazzjonijet u/jew insinwazzjonijiet ghal kollox inveritieri u foloz kif ser jigi ppruvat; u*

    2. *Thallas lill-esponenti l-massimu kontemplat fl-Artikolu 28 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta bhala danni in riparazzjoni tal-malafama li hi sofriet b'konsegwenza tal-post fuq imsemmija, liema post kellha I-ghan li ttellef u tnaqqas ir-reputazzjoni, l-integrità u l-unur taghha.*

2. Rat ir-risposta ta' Jasmin Urry ippresentata fit 13 ta' April 2018 fejn qalet is-segwenti:

1. *Illi fl-ewwel lok ma hemm xejn libelluz fil-konfront tar-rikorrenti izda f'lkull kaz dan jammont ghal value judgment.*
2. *Salv eccezzjonijiet ohra*

## 2. Provi

1. Rat il-"*post*" meritu tal-kawza odjerna, mtella fuq il-pagna 'Grupp PN' minn 'Jz Min Rry', (fol 2), illi intoghgob minn 142 persuni gewwa l-grupp u li ghalih kien hemm 65 kumment.

2. Rat illi fl-14 ta' Mejju 2018, il-Qorti stiednet lill-partijiet, a tenur tal-Artikolu 10 (2) tal-Kap 579, sabiex jgharrfuha jekk kienx hemm possibilta' ta' medjazzjoni, fejn ir-rikorrenti gharrfitha illi gia sar tentattiv izda ma kellux esitu posittiv. (fol 11)

3. Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti **Charmaine Martin**, moghtija fl-14 ta' Mejju 2018 u fil 21 ta' Mejju 2018 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

4. Semghet ix-xhieda ta' **Wayne Hewitt**, partner tar-rikorrenti, moghtija fil-21 ta' Mejju 2018.

5. Semghet ix-xhieda ta' **Mark Martin**, iben ir-rikorrenti u moghtija fil 11 ta' Gunju 2018.

6. Rat illi fil-11 ta' Gunju 2018 ir-rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

7. Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Charmaine Martin moghtija fit 2 ta' Lulju 2018.

8. Semghet ix-xhieda ta' l-intimata **Jasmine Urry** moghtija fit 2 ta' Lulju 2018.

9. Semghet ix-xhieda ta' **Charmaine Aquilina**, prodotta mill-intimata u moghtija fit 2 ta' Lulju 2018.

10. Rat illi fid 29 ta' Ottubru 2018 il-partijiet qabblu illi ma kien hemm ebda kontro ezamjiet ohra x'jsiru.

11. Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fid 29 ta' Ottubru 2018, wara liema trattazzjoni l-kawza giet differita ghas-sentenza.

## 3. Konstatazzjonijiet fattwali.

1. Jirrizulta illi r-rikorrenti, Charmaine Martin, tahdem bhala '*pet groomer*' u ghandha avvjament bl-isem ta' Charms Pet Grooming illi tmexxi hi, li ilha taghmlu ghal dawn l-ahhar hames snin.

2. Jirrizulta illi tali servizz ghandu wkoll pagna tieghu fuq is-sit socjali Facebook.

3. Jirrizulta illi l-intimata, Jasmine Urry, ghandha annimal illi hadet ghal 'grooming' ghand l-intimata varji drabi, u ghalhekk kienet klijenta tar-rikorrenti.

4. Jirrizulta illi, ghal xi zmien, ir-rikorrenti kellha tieqaf toffri s-servizzi taghha minhabba f'ragunijiet ta' sahha u eventwalment, meta kienet ser terrggha tibda topera, hija baghtet messagg personali lill-klijenti kollha taghha, inkluz lill-intimata.

5. Jirrizulta illi fl-24 ta' Frar 2018, ghal xi il-hdax ta filghodu (11.00am), ir-rikorrenti baghtet messagg lill-intimata fejn qaltilha s-segwenti:

   *"Hi Jasmin, how are you? Just a short message to ley you know that I will be opening again from the 10th of March after a brief shutdown due to a surgery. Shall I book you for an appointment? Thanks! Charmaine, Charms Pet Grooming Imgarr."*

6. Jirrizulta illi dakinhar stess, fil 11.54am, l-intimata rrispondiet lir-rikorrenti fejn qaltilha s-segwenti (sic):

   *"Hello Charmaine, thank you for your info. But NO THANK YOU for coming back to you after blocking me on Facebook when I was just asking you to keep calm about your insults towards our leader Dr Adrian Delia, worst than that ... You also stated that as Long as Delia will be, you start working agains PN so now send msgs to PL people to visit your shop. Thanks :)."*

7. Jirrizulta illi, ftit tali hin wara, precizament fil 12.37pm ta' dakinhar stess, l-intimata tellghet post gewwa l-grupp maghluq intitolat '***Grupp PN***', illi kien hemm fuq is-sit socjali Facebook, u, filwaqt illi tellghet zewgt ritratti fejn ppubblikat il-messagg tar-rikorrenti w ir-risposta taghha, ghaddiet is-segwenti kumment: (fol 20)

   *"Waqa l ghazz ta Charmaine ( il partner ta Hewitt) heqq sorry imma meta thallat ix-xoghol mal politika hemm jigrilek dear !"*

8. Jirrizulta illi dana il-kumment, illi deher fuq il-grupp li kellu aktar minn tnax-il elf membru, precizament 12,088 (fol 39), gab l-approvazzjoni ta' mhux anqas minn 142 membri tal-grupp, kif ukoll saru 65 kumment – r-rikorrenti madanakollu ma esebiet ebda mill-kummenti illi kien hemm.

9. Jirrizulta illi l-ghada, l-Hadd 25 ta' Frar 2018, l-istess intimata tellghet post iehor fejn regghet uriet l-istess zewgt ritratti u, din id-darba, halliet il-kumment segwenti: (fol 21)

   *"For whom somehow has edit my post .... Sorry but this is my truth Thallatx il politika max xoghol Charmaine(il partner ta hewwit)"*

10. Jirrizulta illi r-rikorrenti giet a konoxxenza tal-post ta' l-intimata il-Hadd 25 ta' Frar 2018, tramite t-tifel taghha Mark Martin, u minnufih ippruvat ccempel lill-intimata.

11. Jirrizulta, skond ir-rikorrenti u mhux kontradett, illi meta kellmet lill-intimata, talbitha tnehhi l-post u l-intimata qatetilha t-telefon. Tentativi ohra da parte tar-rikorrenti biex taqbad lill-intimata bit-telefon kienu inutili ghax ma kienetx qieghda tirrispondi u ghalhekkk marret l-Ghassa tal-Pulizija sabiex titlob l-intervent tal-Pulizija.

12. Jirrizulta illi ghalkemm, skond ir-rikorrenti u mhux kontradett, l-Pulizija kellmu lill-intimata, hija rrifjutat illi tigi l-Ghassa sabiex l-affarjiet jigu rizolti.

13. Jirrizulta, sussegwentement, illi fl-1 ta' Marzu 2018 ir-rikorrenti kitbet lill-intimata, tramite il-konsulent legali taghha, sabiex tnehhi l-post minn fuq il-grupp fejn ittella.

14. Jirrizulta illi eventwalment, jiem wara, il-kumment ta' l-intimata tnehha mill-amministratur tal-grupp, Charmaine Aquilina, ghalkemm ma kienx car meta attwalment tnehha.

15. Jirrizulta illi l-intimata qatt ma ppubblikat apologija ghal dak illi qalet u allegat fil-konfront tar-rikorrenti.

16. Jirrizulta illi fis 26 ta' Marzu 2018 ir-rikorrenti ghamlet il-kawza odjerna.

## 4. Konsiderazzjoni Legali

1. Jirrizulta illi d-difiza principali ta' l-intimata hija illi dak illi qalet ma kienx libelluz u, semmai, kien jammonta ghal value judgment.

2. Dwar x'jikkonsisti value judgment jew fair comment, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) deciza fil 21 ta' Frar 2017 fl-ismijiet "**Adrian Mizzi vs Ryan Paul Galea**" fejn ghamlet is-segwenti rendikont ta' taghlim dwar d-difiza tal-"fair comment":

> *Fis-sentenza Delfi AS v Estonia, il-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, qalet (§ 133):*
>
> > *"(.....) the Internet plays an important role in enhancing the public's access to news and facilitating the dissemination of information in generali (see Ahmet Yildrum, cited above, §48, and Times Newspapers Ltd, cited above, §27). At the same time, the risk of harm posed by content and communications on the Internet to the exercise and enjoyment of human rights and freedoms, particularly the right to respect for private life, is certainly higher than that posed by the press (see Editorial Board of Pravoye Delo and Shtekel, cited above, §63)".*
>
> *Fil-meritu d-difiża tal-konvenut kienet li, "Il-kummenti tal-esponenti jammontaw ghall-fair comment bażati fuq fatti sostanzjalment korretti". Hemm distinzjoni bejn fatti u fair comment, li m'hijiex dejjem faċli li tistabbilixxi. F'opinjoni li nkitbet mill-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fil-każ Marra vs De Gregorio et, 26 ta' Ġunju 2008, kiteb:*
>
> > *"Second, a distinction must be drawn between factual allegations against particular individuals and opinions or value judgments. As the European Court of Human Rights has held 'while the existence of facts can be demonstrated, the truth of value judgments is not susceptible of proof. The requirement to prove the truth of a value judgment is impossible to fulfil and infringes freedom of opinion itself, which is a fundamental part of the right secured by Article 10'. When a Member of Parliament makes a value judgment about a matter of general importance, no matter how upsetting or offensive some people may find it, he should, in principle, be able to avail himself of absolute privilege".*
>
> *Il-Qorti Ewropea ta' Strasburg fil-każ Sofranschi vs Moldova (34690/05) tal-21 ta' Diċembru 2010, qalet:*

> *"32. A further aspect of the complaint which is relevant for the Court's determination in the present case is the distinction between statements of fact and value judgments. The applicant's letter contained both factual allegations of irregular conduct on the part of V.P. and value judgments about his unethical behaviour. It has been the Court's consistent view that, while the existence of facts can be demonstrated, the truth of value judgments is not susceptible of proof. The requirement to prove the truth of a value judgment is impossible to fulfil and infringes freedom of opinion itself, which is a fundamental part of the rights secured by Article 10 (see Savitchi v. Moldova, no. 11039/02, § 49, 11 October 2005)".*

*Dwar fatt u kumment, Lord Phillips fis-sentenza Joseph vs Spiller (2010) (Qorti Suprema tal-Ingliterra) qal:*

> *"17. Second, the comment must be recognisable as comment, as distinct from an imputation of fact. If the imputation is one of fact, a ground of defence must be sought elsewhere, for example, justification or privilege. Much learning has grown up around the distinction between fact and comment. For present purposes it is sufficient to note that a statement may be one or the other, depending on the context. Ferguson J gave a simple example in the New South Wales case of Myerson v. Smith's Weekly Publishing Co Ltd (1923) 24 SR (NSW) 20, 26: 'To say that a man's conduct was dishonourable is not comment, it is a statement of fact. To say that he did certain specific things and that his conduct was dishonourable is a statement of fact coupled with a comment".*

## 5. Konsiderazzjonijiet ghad-Decizjoni

1. Jirrizulta illi l-kumment illi wassal lir-rikorrenti sabiex taghmel l-azzjoni segwenti kienet il-fatt illi l-intimata allegat li r-rikorrenti thallat il-politika max-xoghol u li minhabba f'hekk hija ma rieditx tibqa tuzaha.

2. Jirrizulta illi tali kumment sar gewwa pjattaforma, ossija grupp fuq Facebook bl-isem '***Grupp PN***', li kien ilaqqa fih grupp ta' nies li lkoll, possibbilment, jivvutaw lill-Partit Nazzjonalista.

3. Jirrizulta wkoll illi l-intimata indikat lir-rikorrenti bhala "*Charmaine il-partner ta' Hewitt*", liema "Hewitt" huwa attwalment Weyne Hewitt, gia kandidat tal-Partit Nazzjonalista u li, fil-kampanja ghal-leader il-gdid tal-Partit Nazzjonalista Settembru tas-sena 2017, kien apertament ikkampanja kontra l-kandidatura ta' Dr Adrian Delia bhala Kap tal-Partit Nazzjonalista, liema kandidatura jidher illi l-intimata kienet, mill-banda l-ohra, qieghda tiffavorixxi u tiddeskrivieh bhala "*our leader Dr Adrian Delia*".

4. Jirrizulta illi tali kumment dwar r-rikorrenti da parte ta' l-intimata gab l-approvazzjoni ta' mhux anqas minn 142-il persuna, kif jidher fil-post esebit mir-rikorrenti, u ghalhekk huwa car illi l-kumment ta' l-intimata rredikola lill-intimata fil-pubbliku, u dana certament f'ghajnejn ta' mhux anqas minn 142-il persuna.

5. Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi ghalkemm ir-rikorrenti tikkontendi illi saritilha hsara rizultat ta' tali post, hija ma kientx kapaci la illi tesebixxi l-kummenti illi allegatament saru fil-

konfront taghha u wisq anqas taghti indikazzjoni dwar x'tip ta' danni attwalment hija sofriet rizultat tal-post w tali nuqqas certament ser ikun rifless fid-danni illi l-Qorti ser tikkunsidra.

6. Il-Qorti tosserva illi, kif gia rrilevat dina l-Qorti kif komposta fil-kawza '**Onor Joe Mizzi vs Lawrence Grech**' deciza fis 6 ta' April 2017, u li kien ukoll jirrigwarda kummenti illi saru fuq Facebook,

   *… l-inqas haga illi seta jaghmel l-intimat, wara li nduna bl-izball illi ghamel, kien illi jikteb lis-700 persuna illi kienu qraw l-attakk tieghu fil-konfront tar-rikorrent, u jgharrafhom illi kien zbaljat dwar ir-rikorrent u li kien qieghed jrtira l-kliem u l-allegazzjonijiet kollha illi qal fil-konfront tar-rikorrent u kien qieghed jiskuza ruhu ma' l-istess rikorrent pubblikament ta' dak illi qal – dana l-intimat baqa qatt ma ghamlu u kull ma ghamel kien illi nehha l-post, bl-isperanza illi l-hsara illi huwa ghamel ma jidhirx illi sar.*

   *Hija inaccettabbli li persuni jabbuzaw minn mezzi socjali sabiex, minn wara il-computer taghhom, jibdew jghajjru u jattakkaw lill kull min jidhrilhom li ghandu jigi attakkat, bil-pretest illi kullhadd jista jghid li jrid u bil-hsieb illi, la darba huwa mohbi wara computer, hadd ma jista jattakkah ujista jghid x'jrid – dana huwa abbuz car u manifest u dina l-Qorti tikkundannaha bl-aktar mod ahrax!*

7. Il-Qorti tosserva wkoll illi, kif qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza '**Sylvana Debono vs Alexander Farrugia**', deciza fis-27 ta' Jannar, 2016.

   *Id-dritt tal-liberta tal-espressjoni m'huwiex licenzja biex thammeg ir-reputazzjoni ta' haddiehor u mbaghad tipprova tistahba wara dan id- dritt.*

8. Jirrizulta car, f'dana il-kaz, illi l-intimata ghazlet, minghajr ma tahseb dwar il-konsegwenzi ta' l-agir taghha, tattakka lir-rikorrenti pubblikament u tinsinwa affarjiet dwar l-agir professjonali taghha bhala '*pet groomer*' u tat riklam hazin tar-rikorrenti f'xogholha ma mhux anqas minn 12,000 persuna, liema attakk ma kellu ebda bazi ta' fatt u kien dettatt biss mir-reghba ta' l-intimata sabiex taghmel hsara lir-rikorrenti u tirredikolaha ma' kullhadd ghax kemm ir-rikorrenti u kemm il-partner taghha, Wayne Hewitt, ma kienux qablu illi Dr Adrian Delia jigi elett bhala Kap tal-Partit Nazzjonalista.

9. **Il Qorti, ghal darba ohra, ma tistax ma tesprimix it-thassib serju taghha dwar kien qieghed jintuzaw l-pjattaformi tal hekk-imsejjha "social media", bhalma hija Facebook, fejn, aktar ma jghaddi z-zmien, aktar jidher illi dawn qed ikunu ghodda ta' tghajjir u tkasbir ta' individwi da parte ta' persuni illi jkunu jridu jitfghu dawl ikrah fuq individwu jew individwi ma' grupp ta' persuni jew, sahansitra, mad-dinja kollha.**

10. **Sfortunatament, jidher illi flok ma' tali mezzi qed jintuzaw sabiex jghaqqdu n-nies flimkien, dawna qieghdin jintuzaw sabiex joholqu aktar disgwid u mibgheda bejn gruppi ta' nies u qed iwasslu ghal estremizmu fl-ideat u veduti ta' persuni, bil-possibilta' ta' azzjonijiet perikoluzi bhala rizultat ta' tali estremizmu, liema zvilupp ma jaghmel ebda gid lil socjeta demokratika, illi hija bbazata fuq il-pluralizmu u skambju liberu ta' veduti, u li tenhtieg id-diskussjoni libera u franka bejn kullhadd u rispett lejn l-opinjonijiet ta' kullhadd sabiex d-demokrazija tkun tista tirnexxi u tistaghna.**

**11. Jenhtieg illi kullhadd jgharraf il-hsara illi tali mezzi qed jikkreaw illum il-gurnata u jifhmu li huwa biss bl-edukazzjoni fil-mod kif jintuzaw tali mezzi u rispett lejn xulxin illi s-socjeta demokratika, bhalma hija dik Maltija, tista timxi l'quddiem.**

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensur tar-rikorrenti

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kawza billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimata u, ghalhekk

**Tilqa** it-talbiet attrici kollha u ghalhekk

**Tiddikjara** illi l-posts imtella mill-intimata fil-grupp imsejjah '***Grupp PN'*** fl-24 ta' Frar 2018 u fil-25 ta' Frar 2018, kif fuq ahjar deskritti, kienu jikkontjenu kliem u allegazzjonijiet illi kienu malafamati u libelluzi fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimata Jasmine Urry thallas lir-rikorrenti Charmaine Martin is-somma ta' elf Euro (€1,000) bhala danni likwidati minn dina l-Qorti.

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku ta' l-intimata.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur